MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 382/2006

**L-Awtorità Marittima ta' Malta**

***Versus***

***Sea Malta Company Limited* bħala proprjetarja tal-bastimenti *M.V. Maltese Falcon* u *MV Żebbuġ***

Din is-sentenza hija dwar min għandu jħallas l-ispejjeż ta' kawża fejn il-konvenuta ammmettiet it-talbiet magħmula kontrieha, ħlief it-talba għall-ispejjeż tal-kawża għax qiegħda igħid illi l-kawża saret għalxejn.

L-awtorità attriċi talbet il-ħlas ta' mitejn u erbgħin elf, disa' mija u disgħa u ħamsin lira u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm240,959.35) għal servizzi li tat lil *M.V. Żebbuġ*, tas-soċjetà konvenuta, u erba' mija u tmienja u tletin elf, erba' mija u ħamsa u disgħin lira u tlieta u għoxrin ċenteżmu (Lm438,495.23) għal servizzi li tat lil *M.V. Maltese Falcon*, ukoll tal-konvenuta.  Talbet ukoll l-imgħax u l-ispejjeż.

L-attriċi talbet ukoll illi l-kawża tinqata' bid-dispensa tas-smigħ, taħt il-proċedura sommarja speċjali. B'nota tat-13 t'Ottubru 2006[1] is-soċjetà konvenuta ammettiet it-talbiet ta' l-attriċi, ħlief it-talba għall-ispejjeż, u talbet illi titħalla tikkontesta din l-aħħar talba. Billi l-konvenuta wriet raġunijiet tajba għall-kontestazzjoni, il-qorti ordnat illi l-kawża timxi bil-proċedura normali u l-konvenuta ressqet l-eċċezzjoni illi ma għandhiex teħel l-ispejjeż tal-kawża għax is-soċjetà hija fi stralċ, u l-istralċjarji, waqt illi ammettew illi s-soċjetà għandha tagħti daqskemm qiegħda titlob l-awtorità attriċi, ma jistgħux iħallsu għalissa, qabel ma ssir il-gradwazzjoni tal-kredituri. Għalhekk il-kawża saret għalxejn.

Din il-qorti hija tal-fehma illi l-eċċezzjoni hija tajba.

Qabel ma fetħet il-kawża fit-3 ta' Mejju 2006, l-awtorità attriċi kienet għamlet talba għall-ħlas b'ittra uffiċjali tat-23 ta' Marzu 2006[2]. Il-konvenuta wieġbet b'ittra tat-30 ta' Marzu 2006[3] u ammettiet it-talbiet (ħlief għal partita waħda li ma hijiex parti mill-meritu tal-kawża tallum). Tassew illi l-ammissjoni saret "*subject to appropriate reconciliation*", iżda din hija kwistjoni ta' matematika li ma jidhirx li ġiet indirizzata qabel ma l-attriċi fetħet il-kawża.

Kif tistqarr l-attriċi stess fir-rikors, il-kreditu tagħha huwa mħares bi privileġġ speċjali, u għalhekk ma jidhirx li kienet sejra ġġarrab xi preġudizzju sostanzjali fil-gradwazzjoni li kieku ma fetħitx il-kawża b'daqshekk ħeffa.

Il-qorti għalhekk taqbel mal-konvenuta illi l-kawża kienet għall-inqas intempestiva, u ma jkunx xieraq illi l-konvenuta teħel spejjeż illi l-attriċi setgħet evitathom.

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi, fuq ammissjoni tal-konvenuta, tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attriċi mitejn u erbgħin elf, disa' mija u disgħa u ħamsin lira u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm240,959.35), u erba' mija u tmienja u tletin elf, erba' mija u ħamsa u disgħin lira u tlieta u għoxrin ċenteżmu (Lm438,495.23), flimkien ma' l-imgħaxijiet relativi mid-data ta' kull fattura sa meta jsir il-ħlas, u tikkundanna lill-awtorità attriċi tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

---

[1] *Fol*. 152.
[2] *Fol*. 163.
[3] *Fol*. 161.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------